# Kif toħloq




# *bil-Malti*

**Norman C. Borg**

# *Kif Toħloq Ebook bil-Malti*

**Norman C. Borg**

Copyright © 2012 by Norman C. Borg

All rights reserved.

This book, or parts thereof, may not be reproduced in any form without permission.



ISBN: 978-1-4717-3909-5

All rights reserved. No part of this book may be reproduced or transmitted in any form or by any means, electronically or in print, without the express permission of the author. Every effort has been made to make this ebook as complete and accurate as possible, but no warranty of fitness is implied. The information is provided on an as-is basis. The author shall have no liability or responsibility with respect to any loss or damages arising from the information provided in this ebook including but not limited to the use of any of the materials or methods described, the products, retailers, Internet web sites or links provided.

Copyright 2012 Norman C. Borg

All contents including cover design, text and photographs, with the exception of logos and content shown in Internet screenshots, are copyright by the author. All logos and content of screenshots property of the respective websites.

Use of terms which are trademarks or service marks in this ebook should not be regarded as affecting the validity of any trademark or service mark.

L-Ewwel Edizzjoni

PDF version eA5 – Revision 2 – June 2012

Web: www.normancborg.net/kotbafilbut

Blog: http://ebooksbilmalti.blogspot.com/

Facebook: www.facebook.com/kotbafilbut

# Werrej

**Daħla** 1
Il-proċess ta' pubblikazzjoni elettronika 2
L-iżvilupp tal-qari elettroniku 7
Noti tekniċi 11
Noti lingwistiċi/ortografiċi 13
**Tagħrif Bażiku** 15
Il-format EPUB u l-format PDF 16
Test fiss u test flessibbli ........ 16
EPUB jew PDF? ........ 18
Vantaġġi tal-format EPUB u formati flessibbli ........ 20
Żvantaġġi tal-format EPUB ........ 21
Vantaġġi tal-format PDF ........ 23
Żvantaġġi tal-format PDF ........ 25
Formati oħra ........ 25
Konklużjoni ........ 26
It-tastiera tal-Malti u l-Unicode 28
It-tastiera tal-Malti ........ 28
Il-fonts tal-Malti dari u llum ........ 30
Ċekkjaturi u ortografija tal-Malti 33
Preġji taċ-ċekkjatur Linux ........ 34
Limitazzjonijiet taċ-ċekkjatur Linux ........ 35
Żbalji komuni fil-*word processing* 37
**Produzzjoni ta' Test Fiss** 40
Kelmtejn qabel 41
It-tifsila tal-paġna 42
Id-daqs tal-paġna ........ 42
Il-Binja tad-dokument 45
Kif tissettja l-paġna f'dokument ġdid ........ 45
L-istili awtomatizzati tal-Word 49
Għaliex l-istili awtomatizzati? ........ 49

Kif tissettja stil ġdid ........ 50
Il-Paragrafu ........ 53
L-istili ewlenin għal dan l-ebook ........ 58
Il-Werrej Ġenerali (ToC) 62
Oħloq werrej ġdid ........ 63
Irranġa werrej li diġà jeżisti ........ 69
Elementi estetiċi oħra 71
Headers u Footers ........ 71
Paġinazzjoni ........ 73
Footnotes u endnotes ........ 74
Bookmarks ........ 77
Id-Drop Cap ........ 80
Karattri/sinjali speċjali ........ 82
Numerazzjoni awtomatika ........ 84
AutoCorrect: żbalji ortografiċi ........ 86
AutoCorrect: ifformattjar ........ 88
Sezzjonijiet differenti ta' dokument ........ 90
Kif toħloq PDF 95
Microsoft Word 2007/2010 ........ 96
Adobe Acrobat ........ 98
L-Adobe Acrobat fil-Microsoft Word ........ 101
Printer drivers ........ 102
Font embedding ........ 103
**Produzzjoni ta' Test Flessibbli 105**
Struttura ġenerali 106
Gwida Lulu 110
Gwida Smashwords 111
Gwida KDP 113
Kif toħloq EPUB jew MOBI 115
Sigil (għall-format EPUB) ........ 115
2EPUB.com (għall-formati kollha) ........ 116
Scrivener (għall-formati kollha) ........ 118
Programmi oħra ........ 119
**Grafika 122**
Illustrazzjonijiet 123

Punti x’tikkunsidra .......... 123
Biex iddaħħal illustrazzjoni f’dokument .......... 125
Biex iddawwar it-test madwar il-grafika .......... 126
Agħti caption lill-grafika .......... 127
Kif tiddisinja qoxra 130
Oħloq qoxra fil-Microsoft Office 2010 .......... 133
Oħloq qoxra bil-GIMP jew bil-Photoshop .......... 146
Dehra professjonali tal-qoxra .......... 147
Nota dwar drittijiet tal-awtur għar-ritratti .......... 148
**Sottomissjoni tad-dokument 149**
Pubblikazzjoni ta’ ktieb fuq Lulu.com 150
Profil .......... 150
Bidu tal-proċess: tella’ d-dokument .......... 151
Agħżel numru tal-ISBN .......... 151
Iddisinja qoxra .......... 152
Iddeskrivi l-ktieb .......... 152
Iddeċiedi prezz għall-bejgħ .......... 153
Protezzjoni elettronika tax-xogħol .......... 154
Pubblikazzjoni stampata .......... 154
Pubblikazzjoni ta’ ktieb fuq Smashwords 156
Profil .......... 156
Sottomissjoni tal-ktieb .......... 157
Titlu u deskrizzjoni tal-ktieb .......... 158
Prezz u silta ta’ prova .......... 158
Klassifikazzjoni tal-ktieb .......... 158
Tags .......... 159
Format tal-ebook .......... 159
Il-qoxra .......... 160
Tella’ d-dokument .......... 160
Konferma/ftehim tal-pubblikazzjoni .......... 160
Wara s-sottomissjoni .......... 161
Pubblikazzjoni ta’ ktieb fuq KDP 163
Profil .......... 163
Kif tibda: tagħrif dwar il-ktieb .......... 164
ISBN u drittijiet ta’ pubblikazzjoni .......... 165
Kategorizzazzjoni u Keywords .......... 165
Il-qoxra .......... 166

Protezzjoni tal-ktieb ........ 166
Tella' d-dokument ........ 166
Biex taġġorna d-dokument ........ 167
Is-servizz KDP Select........ 168
Is-servizz CreateSpace........ 169
Aktar dwar pubblikazzjoni 170
X'inhu ISBN? ........ 170
X'inhi metadata? ........ 171
Ktieb elettroniku jew stampat? ........ 173
DRM jew le? ........ 175
Prezzijiet tal-ktieb ........ 177
Wara l-pubblikazzjoni? 180
Promozzjoni tal-ktieb ........ 180
Siti soċjali........ 181
Sit elettroniku ........ 181
Blog........ 183
**Sommarju 184**
Il-Punti bażiċi 185
Tagħrif bażiku ........ 185
Il-Malti........ 186
Produzzjoni tat-test ........ 186
Grafika u ritratti........ 188
Taqlib tad-dokument u sottomissjoni ........ 188
Promozzjoni ta' xogħlok ........ 190
Biex tuża l-massimu tas-servizzi kollha... ........ 191
Ħoloq 192
Ħwienet elettroniċi tal-kotba ........ 192
Pubblikaturi/aggregators ta' ebooks ........ 192
Proċessar/taqlib ta' dokumenti elettroniċi ........ 193
Qarrejja ta' kotba elettroniċi........ 194
Grafika........ 194
Servizzi ta' blog........ 194
Siti ġenerali........ 195
Glossarju 196
Referenzi 207
L-Awtur 210

# Daħla

# Il-proċess ta' pubblikazzjoni elettronika

Illum il-ġurnata jeżistu ħwienet elettroniċi minn fejn wieħed jista' jixtri prattikament kollox. Naturalment ma jonqsux il-ħwienet tal-kotba kemm tradizzjonali kif ukoll dawk elettroniċi. Ħafna drabi dawn huma l-istess ħwienet li joffru għall-bejgħ oġġetti oħra wkoll. L-aktar popolari huma l-Amazon u l-*iStore* tal-Apple. L-Apple għandhom l-*iBookstore* speċifikament għall-kotba, u minn mindu l-Amazon ipproduċew l-*ereader* (il-qarrej elettroniku) speċifiku tagħhom, il-Kindle, hemm ukoll il-*Kindle Store*. Hemm ħwienet elettroniċi oħra, bħall-Barnes & Noble u r-*Reader Store* tas-Sony, imma l-Apple u l-Amazon huma x'aktarx l-aktar tnejn magħrufin.

Bħala kittieb inti tista' ttella' x-xogħol tiegħek fuq wieħed minn dawn il-ħwienet, jew fuq kollha. Biss kull wieħed minnhom għandu r-regoli tiegħu li għandek timxi magħhom. Barra minn hekk kull apparat għandu n-*native format* tiegħu li trid tuża biex toħloq il-ktieb. Fi kliem ieħor, jekk trid li l-ktieb tiegħek jinxtara minn qarrejja li jużaw kemm il-Kindle kif ukoll l-iPad, jew in-Nook u s-Sony Reader, ikollok toħloq il-ktieb tiegħek f'formati differenti. Għalkemm dawn il-qarrejja elettroniċi jaqraw ukoll dokumenti f'formati universali, bħall-RTF u l-PDF, il-formati 'nattivi' tagħhom joħolqu dokument li jidher ħafna aktar professjonali fuq dak l-apparat speċifiku. Il-format tal-Kindle huwa l-MOBI (jew PRC). Dak tal-iPad huwa l-EPUB. Ħwienet elettroniċi oħra ġeneralment ibiegħu wieħed minn

dawn il-formati jew it-tnejn, għalkemm xorta waħda jista' jkollhom il-formati nattivi tagħhom.

Wara li tagħżel minn fejn trid li jinbiegħ il-ktieb tiegħek, mur fuq is-sit elettroniku tal-bejjiegħ u fittex l-istruzzjonijiet li juruk kif toħloq il-format. Biex toħloq id-dokument fil-format li tixtieq ikollok tniżżel programm li jkun jista' jagħmillek dan, jekk m'għandekx diġà programm addattat. L-aktar programm komuni għall-ħolqien ta' dokument huwa l-**Microsoft Office Word**. Biss il-Word joħloq dokumenti fil-format nattiv tiegħu DOC/DOCX (kif ukoll PDF fl-aktar verżjonijiet reċenti). Ma tistax ittella' dokument f'dan il-format fl-iBookstore jew fil-Kindle Store, għaldaqstant ikollok bżonn programm ieħor.

Xi programmi li jagħmlu dan ix-xogħol huma **Pages** (għall-Mac) u **Adobe Acrobat** u **Adobe InDesign** (għall-PCs u l-Mac). Dawn il-programmi jistgħu jkunu għoljin wisq għal butek – speċjalment jekk m'intix qed tippjana li toħroġ kotba bl-istess rata li joħorġuhom kittieba bħal Stephen King jew Ken Follet! F'dan il-każ tista' ssib programmi *open source* jew saħansitra siti elettroniċi li joffrulek dan is-servizz b'xejn. Programm *open source* tajjeb (għall-Windows, Mac OS X u Linux) huwa **Calibre**, li jikkonverti dokumenti għall-format EPUB. Programm ieħor *open source* tajjeb biex joħloq format MOBI huwa l-**MobiPocket Creator** (s'issa għall-Windows biss). Dawn il-programmi tista' ddaħħlilhom dokument DOC u jikkonvertuh għall-format speċifiku tagħhom.

Fil-fatt dan jista' jsir faċilment ukoll (u aħjar!) permezz tas-sit elettroniku 2EPUB.com, fejn m'għandekx għalfejn tistalla

programmi fuq il-kompjuter tiegħek. Tella' d-dokument, agħżel f'liema format trid li jinqaleb, u niżżel il-format li jinħoloq fuq il-kompjuter tiegħek. Naturalment ikollok bżonn issegwi xi kundizzjonijiet biex it-taqliba taħdem tajjeb.

Ladarba din il-parti tkun lesta, se jkollok id-dokument tiegħek fil-format li għandek bżonn, u tkun tista' ttellgħu fuq is-sit tal-Apple jew tal-Amazon kif tixtieq.

S'issa qegħdin nitkellmu biss dwar il-prodott innifsu. Hemm ċerti affarijiet oħra li wieħed għandu bżonn iqis biex jippubblika ktieb, u li la l-Apple u l-anqas l-Amazon ma jipprovdu għalkemm huma parti mir-rekwiżiti tagħhom. In-numru tal-ISBN tal-ktieb huwa eżempju wieħed. F'dan il-każ dan ix-xogħol ikollok tagħmlu inti qabel ma ttella' l-ktieb biex jaċċettawhulek.

Jekk ma tistax jew ma tafx kif tagħmel dan waħdek tista' tagħmel użu minn dawk li jissejħu l-*aggregators*. Dawn nistgħu inqishom bħala l-pubblikaturi u d-distributuri tal-ktieb tiegħek. Inti ttella' d-dokument tiegħek fuq is-sit tagħhom, u huma jipprovdulek dak kollu li għandek bżonn biex il-ktieb ikun jista' jiġi ppubblikat. Barra minn hekk se ssib li t-taqliba tad-dokument għall-formati msemmija hija inkluża fis-servizz, u wara li tkun tellajt xogħlok u jaraw li jkun konformi mar-regoli meħtieġa, il-pubblikaturi jkunu jistgħu jgħaddu l-ktieb lill-ħwienet elettroniċi bħall-Amazon, l-Apple, is-Sony u l-Barnes & Noble.

Tnejn mill-aktar pubblikaturi popolari għal dan huma Lulu (www.lulu.com) u Smashwords (www.smashwords.com), li

joffru s-servizz bażiku bla ħlas. Biss hawn ukoll se ssib xi restrizzjonijiet. It-tnejn li huma għandhom il-programmi speċifiċi tagħhom biex jagħmlu t-taqliba tal-formati, u minħabba f'hekk ir-riżultat aħħari ta' kif se jidher il-ktieb mhux se jkollok kontroll fuqu għal kollox daqs li kieku ħloqtu inti stess bi programmi bħal Calibre, MobiPocket Creator jew 2EPUB.

Il-formati li semmejna s'issa jittrattaw it-test tal-ktieb b'mod flessibbli, proċess li jifred għal kollox il-kliem mill-paġna fiżika, fissa, ta' ktieb stampat. Format li jiddependi mid-daqs ta' paġna stampata huwa l-PDF, li għandu l-karatteristiċi u l-kriterji tiegħu differenti ħafna. Dan il-format kittieb jista' jiġi bżonnu jekk ikun jixtieq ukoll verżjoni stampata tal-ktieb.

Hemm aspett ieħor li l-kittieb Malti jkollu jikkunsidra biex jippubblika ktieb elettroniku. Għalkemm fit-teorija l-formati li semmejna jużaw l-istandard tipografiku UTF-8/16 li jinkludi l-ittri Maltin, mhux dejjem hemm il-garanzija li dawn jidhru tajjeb, u jistgħu jintilfu kemm fil-programm li jikkonverti l-formati jew saħansitra fil-programm li juri d-dokument fuq l-apparat elettroniku.

Dan il-manwal se jiddiskuti dawn il-formati u joffri xi ideat ta' kif wieħed jista' jagħmel l-aħjar użu minnhom. Se jqis ukoll il-kwistjoni tal-alfabett Malti u l-aspetti tekniċi li wieħed għandu jikkunsidra biex ifassal ktieb bil-Malti li jidher sewwa fuq kull apparat elettroniku. Se nħarsu wkoll lejn il-format PDF għal dawk il-kittieba li jkunu jixtiequ jfasslu ktieb għall-istampar tradizzjonali wkoll.




**Fig. 1: Il-proċess, minn dokument *Word* għall-bejgħ fuq l-internet.**

# L-iżvilupp tal-qari elettroniku

L-ewwel *ereader* li ħareġ fis-suq Amerikan fl-2007 kien il-Kindle. F'inqas minn sitt sigħat il-mudelli nħatfu kollha.

Fl-2010 fl-Istati Uniti tal-Amerika biss il-bejgħ ta' kotba elettroniċi żdied b'aktar minn 164 fil-mija fuq dak tas-sena ta' qabel. Madankollu l-fenomenu tal-*ebooks* mhuwiex limitat għall-Istati Uniti biss. Skont riċerka li saret mill-Futuresource Consulting il-bejgħ ta' kotba elettroniċi madwar id-dinja rdoppja bejn l-2009 u l-2010, u nxtraw madwar 90 miljun kopja.

L-*Association of American Publishers* irrappurtat li l-bejgħ ta' *ebooks* qabeż il-bejgħ ta' formati oħra (inklużi *paperbacks* u *hardbacks*) b'200 fil-mija bejn Frar 2010 u Frar 2011. L-Amazon.com issostni li qed tbiegħ aktar *ebooks* milli tipi ta' kotba oħra. Barra minn hekk il-bejgħ ta' apparati li jħaddmu l-*ebooks* qed jikber minn ġurnata għall-oħra.

L-*ebook* jista' jinqara minn fuq PC jew Mac, minn fuq *ereaders* bħall-Kindle, in-Nook u s-Sony Reader, minn fuq l-iPad, *tablets* imħaddmin bis-sistema Android kif ukoll minn fuq l-iPhone u *smartphones* oħrajn.

L-immedjatezza ta' kif jinbiegħ u jinxtara *ebook* hija tal-għaġeb. Sakemm l-*ereader* tiegħek huwa mqabbad mal-internet, kulma għandek tagħmel hu li tmur fuq il-ħanut *online*, tagħżel il-ktieb li jinteressak u tordnah. Billi jkollok il-

kont mal-pubblikatur issettjat minn qabel meta tkun xtrajt l-apparat, il-ktieb jitniżżel fl-*ereader* tiegħek f'temp ta' sekondi.

Mhux biss. Illum il-ġurnata sar ħafna iktar faċli tipproduċi u tippubblika ktieb fuq l-internet, speċjalment bis-saħħa tas-servizzi awtomatizzati tal-*aggregators*, fejn tista' ttella' d-dokument tiegħek. Dan jiġi mfassal fil-formati kollha li jinqraw fuq apparati elettroniċi u l-qarrejja jkunu jistgħu jniżżluh fuq l-apparati tagħhom f'qasir żmien. Dan isir prattikament mingħajr ebda ħlas min-naħa tal-kittieb.

Għalhekk dawn is-servizzi qed jgħinu biex kittieba jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom indipendentement mill-pubblikaturi. Din mhix xi ħaġa ġdida fiha nnifisha: minn dejjem kienu jeżistu pubblikaturi indipendenti. Imma l-miġja ta' din it-teknoloġija kabbret dan il-fenomenu b'mod inkredibbli fi żmien qasir, u wessgħet ukoll il-firxa ta' qarrejja potenzjali lill-kittieb, għax is-suq issa huwa internazzjonali.

Meta wieħed iqis dawn l-affarijiet ma jistax ma jintebaħx li dan huwa l-ġejjieni tal-kitba. Hawnhekk mhux il-lok biex wieħed jidħol f'dibattitu jekk hux sew jew le li naqilbu mill-użu tal-kotba tradizzjonali għall-użu ta' din it-teknoloġija l-ġdida – u fil-fatt lanqas għandna naħsbu li waħda bilfors teskludi lill-oħra – imma nemmen bil-qalb kollha li hawnhekk infetħet triq ġdida għall-kittieb li sempliċement ma jistax jittraskura, iwebbes rasu u jagħmel ta' bir-ruħu li ma teżistix. Għal xi wħud hija sfida, għal oħrajn hija opportunità mhux ta' min jitlifha.

Waqt intervista li kellu mas-CNN xi sentejn ilu, lill-famuż kittieb Amerikan Stephen King, li kien ippubblika l-ewwel

*ebook* tiegħu fis-sena 2000, saqsewh jiddispjaċihx li din it-teknoloġija tista' fil-ġejjieni teqred il-ktieb tradizzjonali. Wieġeb li wara kollox dan ma kienx jinteressah ħafna għaliex għalih l-aktar ħaġa importanti huwa l-messaġġ, mhux *kif* huwa mwassal lill-qarrej.

Fl-opinjoni tiegħi il-ktieb – dak il-mazz folji magħluq pulit pulit f'qoxra li tista' tiftaħha u timmeravilja ruħek b'dak it-tagħrif mistur ġewwa fiha – huwa xi ħaġa li mhi se tispiċċa qatt. Il-ktieb għandu maġija fih innifsu li l-ebda teknoloġija ma tista' tegħleb. Ktieb stampat ma jolqotx il-ħsieb tal-moħħ biss. Jolqot ukoll is-sensi, speċjalment ix-xamm (ir-riħa tal-folji ta' ktieb ġdid) u l-mess (il-folja, ħoxna jew irqiqa, rozza jew lixxa, f'idejk). L-aktar li t-teknoloġija tista' tagħmel huwa li tkabbar il-preġju ta' ktieb stampat u ttellgħu fuq pedestall ogħla.

Ftit ilu ppubblikajt l-ewwel *ebook* tiegħi, u fil-fatt għad irrid nara kemm tassew se jagħmel impatt fuq il-qarrejja, kemm se jinxtara, kemm se jinqara. Iżda l-fatt li stajt nippubblikah u potenzjalment nilħaq permezz tiegħu udjenza kbira kien ta' sodisfazzjon kbir għalija. B'xorti ħażina għalkemm barra minn Malta, speċjalment fil-kultura Anglo-Sassona, il-ktieb elettroniku rranka bil-qabda, hawn Malta għadu lura wisq.

Biss nemmen ukoll li din it-teknoloġija tista' tgħin ħafna l-firxa tal-ilsien Malti, u f'idejn min iħobb dan l-ilsien hija wkoll strument biex jinxtered speċjalment qalb iż-żgħażagħ u t-tfal ta' llum, li aktar issibhom mitlufin f'dawn il-ġugarelli moderni, tal-għaġeb, milli rashom mgħaddsa f'xi ktieb bħalma konna dari.

Allura għaliex ma ngħaqqdux iż-żewġ dinjiet flimkien, u nressqu l-ġenerazzjonijiet iż-żgħar lejn l-imħabba tal-qari – tal-qari *bil-Malti* – permezz ta' dawn il-ġugarelli?

Xi ħbieb u kollegi wrew ukoll interess fil-mod kif ippubblikajt il-kitba tiegħi, u għalhekk ħassejt li għandi nipproduċi dan il-manwal għal dan il-għan ukoll. Nittama li dawk minnkom li għandhom il-Malti u l-kitba għal qalbhom – kemm kittieba diġà stabbiliti fis-suq Malti kif ukoll dawk li jixtiequ jibdew – isibu dan ix-xogħol utli u ta' ispirazzjoni.